MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 785/2014

**TRC FAMILY ENTERTAINMENT LIMITED** (C-53076)

vs

**EUPHORIA MEDIA (IRELAND) LIMITED** soċjeta` esera bin-numru ta' reġistrazzjoni 492662 bl-indirizz reġistrat tagħha The Black Church, St Mary's Palace, Dublin, l-Irlanda; u Simon Smith, detentur tal-passaport Ingliż numru 500504420

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja specjali fl-10 ta' Settembru, 2014, li bih is-soċjeta` rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ ghall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta b) issib li l-imħarrkin kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom skond il-ftehim tal-15 ta' Awissu, 2014; c) issib li l-imħarrkin għandhom iħallsuha, solidament bejniethom, is-somma ta' żewġ miljun, disa' mija u wieħed u disgħin elf, tmien mija u tmenin euro (€2,991,880) flimkien ma' l-imgħaxijiet applikabbli skond il-ligi; u d) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, solidament bejniethom, biex iħallsu lill-kumpannija attriċi s-somma ta' żewġ miljun, disa' mija u wieħed u disgħin elf, tmien mija u tmenin euro (€2,991,880) li tirrapreżenta l-import ta' sottoskrizzjoni ("subscription price") ta' ishma fl-istess kumpannija attriċi skond l-imsemmi ftehim tal-15 ta' Awwissu, 2014;

Talbet ukoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata bil-mezz maħsub fir-Regolament 1393/07EC li naqset li tidher meta ssejħet il-kawża u hekk baqgħet kontumaċi;

Rat li tressqet prova li turi li l-intimat Simon Smith ukoll jaf bil-kawża u d-dettalji tagħha, iżda naqas li jidher jew li jkun rappreżentat minn avukat kif imiss;

Semgħet taht gurament ix-xhieda ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukati tas-soċjeta attriċi;

Rat in-Nota mressqa mill-avukati waqt is-smigħ tal-lum li biha naqqsu t-talba għall-ħlas bis-somma ta’ erbatax-il elf erba’ mija u disgħin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€14,490.94) li tħallsu lilha minn kemm ilha li nfetħet il-kawża sa qabel illum;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw kollha pruvati kif jixraq;

Fil-kontumaċja ta’ l-intimati tiddeċiedi billi:

1) Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi u taqta’ l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) Tilqa’ t-tieni talba u ssib li kemm il-kumpannija mħarrka Euphoria Media (Ireland) Limited u l-imħarrek Simon Smith, safejn dan huwa *chairman* u azzjonist tal-istess imsemmija kumpannija, naqsu li jwettqu r-rabtiet assunti minnhom fil-ftehim ta’ allokazzjoni ta’ ishma u ta’ għoti ta’ garanzija, liema ftehim sar fil-15 ta’ Awwissu, 2014

3) Tilqa’ t-tielet talba attrici u ssib li l-kumpanija mharrka u l-imharrek Simon Smith huma debituri, flimkien u solidament bejniethom, lejn il-kumpanija attrici fis-somma ta’ żewġ miljuni disa’ mija u sebgħa u sebgħin elf, tliet mija u disgħa u tmenin euro u sitt ċenteżmi (€2,977,389.06) jew l-ekwivalenti ta’ dik l-istess somma f’denominazzjoni ta’ Lira Sterlina; u

4) Tilqa’ r-raba’ talba attrici u tikkundanna lill-imharrkin flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta’ żewġ miljuni disa’ mija u sebgħa u sebgħin elf, tliet mija u disgħa u tmenin euro u sitt ċenteżmi (€2,977,389.06) rappreżentanti l-import tal-prezz ta’ sottoskrizzjoni ta’ ishma fil-kumpannija attriċi, kif fuq ingħad, flimkien ma’ l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’seħħ mill-25 ta’ Awwissu, 2014, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

5) Tikkundanna lill-imħarrkin iħallsu wkoll l-ispejjez tal-kawża.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------